# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Gimgha 21 ta' Frar 2020

**Rikors Numru : 92/2019 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**AB**

**vs**

**AH**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' AB, datat 1 ta' April 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema twieldet l-minuri ABH f'X (ara certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-konvenut huwa persuna aggressiva u vjolenti fil-konfront tal-esponenti u ghandu l-vizzju tad-droga. Dan l-agir ilu ghaddej ghall-zmien twil fejn l-esponenti kellha tirrikorri ghall-assistenza tal-pulizija u prezentement ghaddejja kumpilazzjoni fejn l-konvenut huwa mixli fost affarijiet ohra bis-segwiment tal-persuna tal-esponenti u li kellu pussess tad-droga eroina fost affarijiet ohra. Illi huwa prezentement qieghed arrestat gewwa l-Facilita' Korretiva ta' Kordin;*

3. *Illi permezz ta' digriet fl-atti tal-medjazzjoni datat 12 ta' Mejju, 2017, dina l-*

*Onorabbli Qorti fdat il-kura u kustodja esklussiva tal-minuri f'idejn l-esponenti filwaqt li harget Ordni ta' Protezzjoni favur taghha, il-familjari taghha u l-minuri;*

4. *Illi il-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 18 ta' Frar, 2019 (Dok. B);*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tordna li l-konvenut jigi mnehhi mill-jeddijiet kollha ta' setgha ta' genitur u dana fl-interess suprem tal-minuri;*

2. *Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri ABH f'idejn l-esponenti; u tawtorizza sabiex tieħu kwalunkwe deċiżjonijiet relatati mal-ħruġ tal-passaporti, mas-safar, mas-saħħa u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif jiġi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti;*

3. *Tordna li l-imsemmija minuri tirresjedi mal-esponenti;*

4. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-minuri, u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija tifla tagħlaq l-età ta' tmintax (18)-il sena jekk tieqaf mill-iskola u tibda taħdem bi qliegħ jew sa tlieta u għoxrin (23) sena jekk il-minuri tiddeċiedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

5. *Tordna li l-imsemmi manteniment jkopri l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri;*

6. *Tagħti dawk il-provedimenti xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri ABH, fosthom, iżda mhux limitatament, dwar kif għandu jiġi regolat is-safar u l-ħruġ tal-passaport tal-minuri, b'dan illi l-passaport għandu jinżamm mill-esponenti; kif ukoll dwar l-attendenza tal-minuri għall-iskola u attivitajiet familjari u edukattivi oħra u extra-kurrikulari, u dan taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti;*

7. *Tallega l-atti tal-medjazzjoni Nru 40/19 u 525/17 mal-kawża odjerna;*

8. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat huwa kontumaci;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Yvonne Fiorini Lowell** xehdet a fol 19 illi r-rikorrenti kienet dahlet fix-*shelter* Ghabex fil-5 t'April 2017 flimkien ma' bintha ABH li dak iz-zmien kellha hames snin. Spjegat illi r-rikorrenti kienet qaltilha li kien ilu jkollha problemi fir-relazzjoni taghha ghal xi sena u nofs, u li s-sieheb taghha kien fizikament vjolenti u kien juza d-droga eroina. Ziedet li r-rikorrenti kien allegat illi s-sieheb taghha kien ta daqqa ta' ponn u li din id-darba kienet irraportatu lil pulizija. Hija xehdet li r-rikorrenti kienet telqet minn Ghabex fit-12 t'April 2017 wara li qalet illi s-sieheb taghha kien gie arrestat mill-pulizija u allura hasset li setghat tirritorna d-dar.

**Colette Maskjevic** xehdet a fol 21 *et seqq* illi hija tahdem fi hdan id-dipartiment tal-vjolenza domestika tal-Agenzija Appogg u li r-rikorrenti kienet giet riferita f'Marzu tas-sena 2017 u kienet inghatat appuntament ghal-21 ta' Marzu. Spjegat illi r-rikorrenti kienet qaltilha li hija kienet iltaqghat mal-intimat meta huwa kien qieghed il-habs u kienet harget tqila minn din ir-relazzjoni. Ir-rikorrenti kienet informatha illi l-intimat kellu problema ta' droga meta kien hareg mill-habs u hija kienet ppruvat tghinu. Ir-rikorrenti kienet indikat diversi incidenti ta' vjolenza domestiku li kienu jmorru lura ghal Novembru 2016, u kienet iddeskriviet lill-intimat bhala persuna possessiva u kontrollanti, li ma kienx ihalliha itemm ir-relazzjoni ta' bejniethom. Qalet illi r-rikorrenti kienet qaltilha b'incident li kien hassibha hafna: l-intimat huwa *mechanic* u skont ir-rikorrenti darba minnhom kien cemplilha u qalilha li kien ghamel xi hsarat intenzjonali fil-karozza, senjatament kien qata' l-konnezzjoni tal-*oil gauge* u battal iz-zejt tal-karozza. Spjegat illi peress illi hija hasset illi r-rikorrenti kienet fil-perikolu, kienu ddecidew illi r-rikorrenti tidhol f'*shelter* ma' bintha, kif filfatt ghamlet fil-5 t'April 2017, u ziedet illi ghalkemm l-intimat kienet tressaq il-Qorti taht arrest fit-12 t'April 2017, kien irnexxilu jahrab mill-Qorti, u kien instab xi tliet ijiem wara. Ziedet illi r-rikorrenti kienet qaltilha illi kienet hadet il-karozza taghha ghand *mechanic* li kien sab li l-*bolts* tar-roti kienu gew mahlula u li dan kien perikoluz hafna, u ghalhekk hija kienet ma kellhiex alternattiva ghajr li tkellem lil avukat u lil pulizija.

**Stephanie Grech** xehdet a fol 25 *et seqq* illi hija tahdem mal-Caritas Community Services u spjegat illi r-rikorrenti kienet marret tkellimha fl-2016 jew fl-2017 ghaliex kellha xi inkwiet mas-sieheb taghha peress li kellu l-problema tad-droga, u li ghalkemm kienet waslet f'punt fejn xtaqet itemm ir-relazzjoni xorta wahda xtaqet tghinu. Xehdet li dak iz-zmien l-intimat kien gie arrestat u kien inghata *bail* sabiex ikun jista' jaghmel il-programm, izda kien gie sospiz mill-programm u eventwalment kien gie mkecci mill-programm ghaliex ma kienx qieghed jghinu.

**Ir-rikorrenti** xehdet permezz t'affidavit a fol 33 *et seqq* illi hija kienet iltaqghat mal-intimat fis-sena 2011 u sussegwentement bdew johorgu flimkien u kellhom relazzjoni normali. Spjegat illi fit-22 ta' Gunju kienu zzewgu fil-Moseka u ftit gimghat wara kienet harget tqila bil-minuri ABH, u kienet qalet lill-intimat li kellu jinbidel, peress illi kien jixrob u gieli jiehu d-droga. Kompliet illi meta kellha xahrejn tqala l-intimat kien dahal il-habs ghal erba' snin u nofs wara li nstab hati ta' diversi akkuzi, fosthom relatati ma' droga, u binthom kienet twieldet fis-17 t'April 2012 waqt li l-intimat kien il-habs. Xehdet illi dak iz-zmien bdiet tinnota l-karattru possessiv u dominanti tal-intimat. Spjegat li l-intimat hareg mill-habs fl-

2015 u ghal ewwel sitt xhur l-affarijiet bejniethom kienu sejrin tajjeb, l-intimat beda jibni relazzjoni ma' binthom u beda jahdem bhala *mechanic*. Kompliet illi wara sitt xhur l-intimat rega beda jkun possessiv, paranojku u aggressiv u r-relazzjoni tieghu mal-minuri bdiet tmur lura peress illi meta t-tifla ma kienetx taghmel dak li jrid hu kien jirrabja b'mod li mhux normali. Ziedet illi hija ma kienetx tafdah wahdu mal-minuri peress illi kien irresponsabbli u kien anke jhalli lit-tifla waheda d-dar jew ipoggiha fuq quddiem tal-karozza minghajr *seatbelt*.

Xehdet rigward incident li gara fis-7 ta' Dicembru 2015 fejn il-partijiet kellhom disgwid peress illi l-intimat ried jitlaq kmieni minn festin tal-familja u hi ma rieditx, u ghalhekk l-intimat kien beda jigbidha minn xagharha, u mbaghad beda jaghtiha daqqiet ta' ponn, u waqaf biss ghaliex kienu intervjenew il-kugina taghha RH, u bintha minn relazzjoni ohra li dak iz-zmien kellha sbatax -il sena. Qalet li wara dan l-incident hija kellha wicca nbengel u kienet marret il-poliklinika. Ziedet li matul il-lejl l-intimat beda jcempel il-hin kollu lil bintha l-kbira u meta marret id-dar skopriet li kien faqa' l-bieb. Ziedet ukoll li aktar tard dakinhar l-intimat kien mar lura jibki u jweghda l-imgieba tal-gurnata ta' qabel ma kienetx ser terga tirrepeti ruhha u allura kienet hafritlu.

Spjegat li f'Jannar 2016 kienet qabdet lill-intimat juza d-droga u ghalhekk kienet ikkonvincietu sabiex imur jiehu l-ghajnuna u kienu marru flimkien is-Sedqa. Huwa qalilha li kien ser imur jaghmel programm ta' riabilitazzjoni privat gewwa Ghawdex, izda eventwalment kien ammetta maghha li f'dak iz-zmien kien mar joqghod f'lukanda ta' Sliema u kien jiehu d-droga kokaina. Kompliet illi mbaghad beda jmur il-Caritas, izda wara ftit kien waqaf jattendi ghas-sessjonijiet u jaghti kampjuni ta' urina, u eventwalment kienet it-terapista tal-Caritas stess illi kienet taghta parir sabiex itemm ir-relazzjoni taghha mal-intimat. Qalet illi meta ghamlet hekk l-intimat kien ossessjona ruhu fuqha u kien jiffastidja u jippersegwitaha b'mod kontinwu, tant li sahansitra beda jorqod fil-karozza quddiem id-dar taghha, u ghalhekk hija kienet thossha mwerwra u fgata. Ziedet illi l-intimat kien jghidilha li kien jitlob li tahbat bil-karozza, u filfatt kien hemm drabi fejn kien ghamel hsara volontarja fil-karozza taghha sabiex ikun perikoluz ghaliha li ssuq, bhal per ezempju, kien battal iz-zejt tal-karozza, u kien hall il-*bolts* tar-rota tax-xellug.

Qalet illi darba minnhom kienet accettat li jiltaqghu, u kienet iltaqghat mieghu f'post pubbliku, flimkien maz-zewg uliedha. Spjegat li sakemm marret tuza l-kamra tal-banju kienet sabet lill-intimat fil-karozza flimkien maz-zewgt itfal u ghalhekk kienet dahlet fil-karozza hi

wkoll biex issuq peress illi l-intimat kien jidher li kien xurban u li kien abbuza mid-droga. Kompliet illi x'hin waslu d-dar l-intimat irrifjuta li jitlaq u beda jaghtiha bil-ponn, isabbatha mal-art u prova jifgaha. Ziedet li dak il-hin ABH kienet qed tghajjat, u hin minnhom l-intimat qabadha taht idejh u prova jitlaq biha, izda ohtha l-kbira gibditha minn idejh u cemplu l-pulizija, u ghalhekk l-intimat harab minn fuq il-post.

Spjegat illi hija kienet imwerwra mill-intimat u kienet tibza li jipprova jiehu lil binthom, u ghalhekk kienet cemplet lill-iskola biex tinformahom bis-sitwazzjoni, u filfatt darba minnhom kienu cemplulha biex jghidulha li l-intimat kien mar biex jipprova jiehu lit-tifla mill-iskola. Kompliet li meta kien tressaq il-Qorti fuq l-akkuza dwar l-incident appena msemmi, huwa kien harab mill-kustodja tal-pulizija waqt li kienu qed jistennew lil avukat tieghu biex jasal, u sakemm instab ma kienx waqaf jibghatilha messaggi. Ziedet illi dak iz-zmien hija kienet dahlet go *shelter* fis-6 t'April 2017, u kienet fit-12 t'April 2017, meta kien tressaq il-Qorti. Xehdet li huwa baqa' jipprova jaghmel kuntatt maghha mill-habs, u anke meta kien ikun barra l-habs fuq *bail*.

Xehdet li l-intimat m'ghandux relazzjoni mal-minuri, u hija tipprova tahbilha l-fatt li missierha qieghed il-habs. Spjegat li lit-tifla dejjem hadet hsiebha hi, u hadet id-decizjonijiet kollha necessarji wahedha. Rigward manteniment xehdet illi l-intimat kien ghamel zmien jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet tat-tifla fis-sena 2015, u darba fl-2018 kien ta €50. Qalet illi hija tahdem bhala *courier* ma' Y u taqla paga minima. Xehdet illi hija thallas is-somma ta' €150 kull tlett xhur ghal kera u thallas €70 ghal internet u television fix-xahar, oltre dawk u ilma u l-bzonnijiet l-ohra tal-minuri.

**Noel Cassar** xehed a fol 60 *et seqq* illi huwa jahdem mal-Caritas u spjega li l-intimat kien dahal jaghmel il-program minhabba li kellu problema akuta ta' droga. Qal illi l-intimat kien jaghmlu hiltu u jipprova, izda kien isibha difficli specjalment peress illi huwa ghandu kultura differenti, u eventwalment kienu gew f'sitwazzjoni fejn kellhom jissospenduh mill-programm peress illi ma kienx qed isegwi r-regoli taghhom. Zied li l-intimat kien imur tajjeb mar-residenti l-ohra u qatt ma nnota li kellu xi problema ta' aggressivita. Zied ukoll illi l-kampjuni tal-urina li kien ta l-intimat fit-23 ta' Marzu 2018, fil-25 ta' Mejju 2018 u fil-5 ta' Gunju 2018 kollha kienu rrizultaw negattivi ghad-droga.

**Josette Dalmas** xehdet a fol 142 *et seqq* illi hija l-kap tal-iskola ta' San Pawl il-Bahar fejn tattendi l-minuri. Spjegat illi l-minuri hija normali fl-iskola kemm bhala mgieba u kif ukoll

mill-lat akkademiku u fl-attendenza taghha, u li hija ghandha personalita ta' *leader.* Spjegat illi hija qatt ma ltaqghat mal-intimat, izda dejjem iltaqghat biss mar-rikorrenti, u li bhalissa l-minuri tintroduci lilha nnifisha bhala B u mhux BH

**L-Ispettur Paula Ciantar** xehdet a fol 213 *et seqq* illi hija kienet tkellemt mar-rikorrenti dwar rapport ta' *stalking u harassment,* kienet hadet *statement* minghandha, u kienu arrestaw lill-intimat. Qalet illi meta kien instab l-intimat mill-RIU kellu sostanza fuqha li rrizultat li kienet eroina u filfatt kien gie akkuzat fuq pussess ta' droga wkoll. Ziedet illi waqt li kien il-habs ir-rikorrenti kienet informathom li kien ghadu qed jaghmel kuntatt maghha u ghalhekk kienu informaw lill-ufficjali tal-habs sabiex ma jhalluhx jaghmel kuntatt mar-rikorrenti. Ikkonfermat li l-intimat kien ghadu l-habs fiz-zmien meta kienet qed tiddeponi hi.

**Ikkonsidrat;**

Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni mill-liema relazzjoni twieldet il-minuri ABH, f'X. Ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet sfaxxat, u r-rikorrenti tikkontendi illi hija sfat vittma ta' diversi incidenti ta' vjolenza domestika ipperpetrata mill-intimat kontra taghha, u li inoltre l-intimat m'huwiex persuna affidabbli u li ghaldaqstant hija ghandha tigi affidata l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, u li jigi likwidat ammont ta' manteniment li ghandu jithallas mill-intimat ghal htigijiet ta' binthom.

**Ikkonsidrat;**

Mill-atti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat gie debitament notifika, huwa baqa' kontumaci f'dawn il-proceduri, kif ukoll ma prezentax in-nota ta' sottomissjonijiet tieghu minkejja li gie moghti zmien skont il-ligi sabiex jaghmel dan.

Skond il-ligi, l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni. Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech** deciza fit-22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per Onor. Imhallef Philip Sciberras:

> "... ***huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut.***

*Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35*;"

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et** noe., Appell, 27 ta' Marzu, 1996 inghad:

"***Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***

***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***

***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;***""

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-7 ta' Ottubru, 1997.

**Ikkonsidrat;**

**Rigward il-kura u kustodja tal-minuri**

Il-Qorti taghraf illi skont il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija rregolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal, u l-aqwa' utilita u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

> ***"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Skont is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Frar 2018:[1]

> ***"Il-Qorti għaldaqstant, għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata.""***

Jirrizulta illi l-partijiet kienu bdew relazzjoni fl-2011, mill-liema relazzjoni kellhom lil minuri ABH, li twieldet f'X. Mill-provi jirrizulta pacifikament illi l-intimat kien vjolenti mar-rikorrenti, u kien issottoponiha ghall-abbuz psikologiku u kif ukoll fiziku, tant illi kien anke hebb ghaliha quddiem il-minuri stess. Inoltre, l-Qorti rat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-intimat ghandu fedina penali pjuttost ikkulurita, u dan oltre li ghad hemm numru ta' kawza pendenti kontra tieghu, li jirrigwardaw akkuzi varji, inkluz l-incidenti ta' vjolenza domestika ipperpetrati kontra r-rikorrenti. Mill-provi jirrizulta wkoll illi l-intimat ghandu l-vizzju tad-droga, u li bhalissa jinsab detenut gewwa l-facilita korrettiva ta' Kordin.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **F T K P D vs R K P G** deciza fit-22 ta' Marzu 2018, fejn f'cirkostanzi simili din il-Qorti diversament presjeduta kienet ikkonsidrat illi l-Artikoli 56 u 56A tal-Kodici Civili huma applikabbli u relevanti anke fil-kuntest ta' talba minn genitur sabiex jigi fdat esklusivvament bil-kura u kustodja ta' ulied minuri li ma ssirx f'separazzjoin, u kienet *ex officio* cahhdet lill-missier

[1] Rik. Gur. 39/17

fil-awtorita ta' genitur sabiex din l-awtorita tkun ezercitata esklussivament mill-omm:

> "***Il-Qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-kaz, b'mod partikolari li l-missier abbanduna lill-minuri b'mod assolut, tiddikjara li jezistu l-estremi sabiex iccahhad lill-missier mill-awtorita' ta' genitur sabiex tali awtorita' tigi ezercitata esklussivament mill-omm.*"[2]**

Il-Qorti rat ukoll illi skont l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili:

> "***B'dak kollu li jinsab f'kull disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici, il-Qorti tista', jekk tigi murija raguni tajba, taghti dawk l-ordijiet dwar il-persuna jew il-propjeta' ta' persuna li tkun taht l-eta' kif jidrilha xieraq fl-ahjar interessi tat-tifel.***"

Il-Qorti taghraf illi f'cirkostanzi normali, iz-zewg genituri ghandhom rwol importanti fil-hajja u fit-trobbija ta' uliedhom, u ghalhekk l-ebda wiehed mill-genituri m'ghandhu jigi eskluz mit-trobbija tal-ulied sakemm ma jkunx hemm ragunijiet serji li jwasslu lil Qorti li tiehu mizura daqshekk drastika. Izda kif inghad, f'din il-materja il-Qorti tigi gwidata mill-ahjar interessi tal-minuri, u ghalhekk il-Qorti ghandha tezamina jekk fic-cirkostanzi huwiex fl-ahjar interess tal-minuri illi xi hadd mill-genituri ghandu jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur.

Il-Qorti rat illi jirrizulta b'mod abbondanti illi l-intimat kien vjolenti kontra r-rikorrenti, kien issottoponiha ghall-incidenti vjolenti alarmanti, u apparti minn hekk kien jiffastidjha, isegwiha, icemplilha u jibghatilha messaggi b'mod kostanti, b'mod illi spicca werwirha. Il-Qorti rat illi minhabba l-imgieba vjolenti u abbuziva tal-intimat, kemm ir-rikorrenti u kif ukoll il-minuri kien spiccaw jirrisjedu gewwa *shelter* ghal xi granet ghas-salvagwardja tal-inkolumita taghhom sakemm l-intimat gie arrestat. Il-Qorti rat ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirrizulta illi ghalkemm l-intimat qatt ma kien abbuziv fil-konfront tal-minuri, huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni maghha u ma juri l-ebda interess fiha. Illi filfatt, ghalkemm huwa gie validament notifikat b'dawn il-proceduri, u ghalhekk jaf illi hawn proceduri pendenti fejn qed jintalab li jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur u li ma jigix akkordat access mal-minuri, huwa ghazel li jinjora dawn il-proceduri u ma

[2] Rik. Gur. nru. 192/16 RGM.

jippartecipax fihom.

Il-Qorti hija tal-fehma illi kkonsidrat dan kollu, jezistu l-estremi necessarji sabiex il-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, anke ghas-salvagwardja tal-inkolumita taghha ai termini tal-ligi, u sabiex l-intimat jigi zvestit mill-awtorita ta' genitur fl-ahjar interess tal-minuri.

**Dwar il-manteniment ghall-ulied il-partijiet**

Il-Qorti taghraf illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> **"*Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita` ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom*."**

Il-Qorti rat illi l-intimat prezentement jinsab detenut gewwa l-facilita korrettiva ta' Kordin, u ghalhekk m'ghandux introjtu. Izda kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet:

> **"*...il-Qorti dejjem irritjeniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita' tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabilita` tagħhom fuq il-ġenitur l-ieħor jew inkella fuq l-istat*."**

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti xehdet illi hija mpjegata ma' Y u tircievi l-paga minima. Hija thallas €150 kull tlett xhur ghal kera, €70 fix-xahar ghal internet u television, u dan oltra l-kontijiet ta' dawl u ilma.

Inoltre l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Audrey Buhagiar pro et noe vs Daniel Schembri** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Mejju 2015, liema ragunament kien gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016:

> "***Il-Qorti qieghda tikkunsidra wkoll rilevanti il-fatt illi l-omm ghandha l-kustodja tat-tifla peress li tirrisjedi maghha. Dan l-istat ta' fatt min-natura tieghu jillimita l-potenzjal ta' kemm l-omm tista' ddum barra mid-dar sabiex tiggenera dhul.***"

Il-Qorti taghraf ukoll illi t-trobbija tal-ulied mill-genitur li mieghu jew maghha jirrisjedu diga giet rikonoxxuta mill-Qrati Maltin bhala kontribut versu l-manteniment dovut ghalihom skont il-ligi. Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Marina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> "***tenut kont tal-fatt li, t-tfal qed ikunu aktar mal-attrici milli mal-konvenut, l-oneru tat-trobbija waqa' kwazi kollu fuqha u minn dan l-aspett hija qed taghti kontribut sostanzjali, inkluz dak mhux finanzjarju, ghal-manteniment taghhom.***"

Il-Qorti taghraf illi minhabba l-imgieba vjolenti u abbuziva tal-intimat, ir-rikorrenti ser tispicca jkollha trabbi lil minuri prattikament wahedha. Ghalhekk l-oneru tat-trobbija tat-tifla waqa' kollu fuq spallejn ir-rikorrenti. Il-Qorti tqis ghalhekk, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, illi mhux talli l-fatt illi r-rikorrenti trid trabbi lil bint il-partijiet wahedha jillimita l-kapacita taghha li tiggenera introjtu akbar minn dak li ghandha fil-prezent, izda wkoll taghraf illi hija qed taghmel kontribut non-finanzjarju sostanzjali fil-manteniment tal-minuri. Dan ghalhekk huwa fattur li fil-fehma tal-Qorti ghandu relevanza kbira fil-kuntest tal-likwidazzjoni tal-manteniment li ghandu jkun dovut mill-intimat.

Rigward il-bzonnijiet tal-minuri, il-Qorti rat illi r-rikorrenti prezentat prospett tal-ispejjez illi hija tinkorri fil-konfront tal-minuri. Dawn jammontaw ghal €400 fix-xahar, liema ammont jinkludi l-ispejjez ta' sahha. Dan ir-rendikont ma jinkludix ukoll is-somma ta' €150 li r-rikorrenti thallas kull tlett xhur ghal kera tal-appartament fejn tirrisjedi flimkien mal-minuri, €70 ghall-internet u television, u spejjez ghal konsum tad-dawl u ilma. Min dan ir-rendikont jirrizulta inoltre illi r-rikorrenti tinkorri cirka €1,500 fis-sena bhala spejjez edukattivi u extra-kurrikulari tal-minuri.

Inoltre, fir-rigward tal-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici, il-Qorti tqis illi in vista tas-sitwazzjoni tal-partijiet, ikun aktar ghaqli li sehem tal-intimat minn dan l-ispejjez ikun

pre-likwidat, u dan sabiex titnaqqas il-htiega ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet.

In vista ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-manteniment mensili li ghandu jkun pagabbli mill-intimat ghall-bzonnijiet ta' bintu ghandu jkun fl-ammont ta' erba' mitt (€400), liema ammont jinkludi sehem tal-intimat mill-ispejjez edukattivi, extra-kurrikurali u medici. In vista l-fatt illi huwa prezentement impossibli ghall-intimat illi jhallas dan il-manteniment stante illi jinsab detenut gewwa l-facilita korrettiva ta' Kordin, il-Qorti tqis illi l-ordni ghall-hlas ta'manteniment ghandu jkollu effett minn xahar wara li l-intimat johrog mill-habs.

Rigward it-talba tar-rikorrenti sabiex din is-sentenza tigi rregistrata fir-Registru Pubbliku, il-Qorti taghraf illi m'huwiex previst fil-ligi illi sentenzi ta' din in-natura jigu rregistrati fir-Registru Pubbliku, u ghalhekk ma jidhirx illi din it-talba hija fondata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tordna li r-rikorrenti tezercita wahedha u b'mod esklussiv l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri ABH;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tal- minuri ABH f'idejn ir-rikorrenti, b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu esklussivament wahidha minghajr htiega tal-firma tal-intimat jew il-presenza tieghu;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-minuri ghandha tirrisjedi mar-rikorrenti;**
4. **Tilqa' r-raba' t-talba u hames talba u tiffissa l-manteniment dovut mill-intimat ghall-minuri fis-somma ta' erba mitt ewro (€400) fix-xahar, liema ammont jinkludi s-sehem tal-intimat mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, u attivitajiet extra kurrikurali tal-minuri, liema ammont ghandu jizdied kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri taghlaq tmintax (18) -il sena jekk taghzel li tieqaf tistudja, jew sal-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena jekk taghzel illi tkompli l-istudji taghha *fulltime* skont il-ligi. Dan l-ordni ghandu jiehu effett fid-data xahar wara li l-intimat johrog mill-habs.**
5. **Tordna li l-imsemmi manteniment jigi mnaqqas direttament mis-salarju**

**jew qliegh tal-intimat, mill-impjieg jew xoghol li hu ghandu jew jista' jkollu, jew minn kwalsiasi beneficcji socjali li huwa jista' jkun qed jircievi minn zmien ghal zmien;**

6. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-sitt talba, peress illi l-meritu gie sorvolat bl-ewwel u t-tieni punt ta' dan id-decide;**
7. **Tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-seba' talba, peress illi gja giet deciza;**
8. **Tichad it-tmien talba ghar-ragunijiet dedotti fis-sentenza.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**